TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

CCT/223/12/S

Silvana Borg
Vs
Arnold Vella ezercenti l-kummerc bhala Fair Deal Furniture

Illum 25 ta' Jannar, 2013.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Silvana Borg ipprezentata fis-7 ta' Settembru, 2012 filwaqt li l-konvenut Arnold Vella ezercenti l-kummerc bhala Fair Deal Furniture la pprezenta risposta u lanqas ressaq provi;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-attrici u t-trattazzjoni maghmula fis-seduta tad-29 ta' Novembru, 2012;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda talba biex tinbidel pultruna li kellha s-susa;

Illi jidher car li l-pultruna supplita ma kienx tal-kwalita miftehma u l-konvenut ma ressaq ebda prova li tikkuntradixxi l-allegazzjoni tal-attrici;

Illi mix-xhieda mismugha u mill-provi prodotti, jirrizulta li n-nuqqas kien daparti tal-konvenut u fil-fatt l-istess konvenut f'ebda hin ma kkontesta dak allegat mill-attrici.

Illi l-konvenut ma ressaq ebda prova biex ixxejjen dak allegat mill-attrici;.

Illi l-attrici informat lil dan it-Tribunal li hija kienet qed titlob pultruna ohra bhal dik ordnata jew fin-nuqqas, il-hlas lura tal-prezz imhallas;

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888

TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' t-talba ta' Silvana Borg u Jordna lill-konvenut Arnold Vella ezercenti l-kummerc bhala Fair Deal Furniture biex jikkonsenja lill-attrici pultruna gdida bhal dik minnha ordnata u dan fi zmien gimghatejn mill-llum u fin-nuqqas, Jordna lill-konvenut Arnold Vella ezercenti l-kummerc bhala Fair Deal Furniture ihallas lill-attrici Silvana Borg is-somma ta' €370 bl-interessi ta' 8 fil-mija jiddekorru mill-31 ta'Dicembru,2011 sad-data tal-hlas effettiv, bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu unikament mill-konvenut.

Richard Sladden Av.
Arbitru

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888